MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Appell Kriminali Numru. 130/2004

Il-Pulizija

Vs

Aldo Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, fix-xhur ta' Jannar u Frar, 2004,  meta hekk kien ordnat mill-qorti, naqas li jaghti lil martu Victoria Spiteri w lil uliedu s-somma fissata minn dik il-Qorti b'digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili 1266/97, bhala manteniment fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-Ordni kellu jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Gunju, 2004,  li biha, wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9,  sabet lill-imputat hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal detenzjoni ta’ xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Gunju, 2004,  li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w, f’kaz li dan l-appell ma jigix milqugh,  li tirriforma s-sentenza appellata w tinfliggi piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellant fil-qosor hu s-segwenti u cioe’ li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla stante illi minkejja li hemm gurisprudenza kostanti illi l-kawza ghandha titmexxa fil-prezenza tal-avukat tal-akkuzat  u minkejja li l-appellant ma kienx rapprezentat u kien minghajr id-difiza tieghu, l-Ewwel Qorti xorta wahda baqghet ghaddejja bil-proceduri u mhux biss semghet lix-xhieda tal-Pulizija izda sahansitra ddecidiet l-kawza dak in-nhar stess . Ghalhekk kien il-kaz li din il-Qorti ghandha tilqa’ l-appell u tibghat l-atti mill-gdid quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jergghu jibdew il-proceduri b’ mod regolari .

Illi stante li hemm dan l-aggravju l-Qorti deherilha li mhux il-kaz li tisma x-xhieda f’ dan l-istadju u li jigu trattati l-aggravji l-ohra tal-appellant ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Trattat l-appell fuq l-ewwel aggravju ;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni aderiet mall-ewwel aggravju tal-appellant;

Ikkonsidrat ;

Illi mill-verbal tal-*prime note* tal-kawza (fol. 8 tal-process) jidher li sa mill-bidu nett l-Ewwel Qorti kienet informata li l-appellant kien patrocinat minn Dr. Edward Gatt. Di fatti l-ewwel haga li saret kien li ssejjah dan l-avukat, pero' ma deherx. Hawn il-kawza giet posposta . Meta regghet issejhet il-kawza deher l-imputat u l-parte civile assistita minn Dr. Natasha Sciberras. Il-kawza ssejhet diversi drabi ohrajn pero' Dr. Edward Gatt baqa' ma deherx .

Il-verbal ikompli jekk :-

"Finalment il-Qorti kellha tisma l-kawza fl-assenza ta' Dr. Edward Gatt u dana peress illi l-kawza dejjem tigi differita anki f' seduti precedenti minhabba li Dr. Gatt jibqa' ma jidhirx . Il-hin huwa l-11.15 am. meta l-kawza kienet ghas-smiegh fid- 9 am.
*"Xehdet bil-gurament Victoria Spiteri.".*
*"Xehed bil-gurament Aldo Spiteri;*
*"Il-kawza giet deciza."*

Illi hu ovvju li minn dan il-verbal jidher li l-Ewwel Qorti sejjhet lill-avukat difensur diversi drabi tant li dan gie verbalizzat ripetutament u anki sar posponiment biex jilhaq jidher l-avukat. Jidher li l-Ewwel Qorti kienet preokkupata bil-fatt li l-Avukat tal-appellant odjern ma kienx prezenti u dan hu indikattiv li x'aktarx ukoll li l-appellant innifsu kien talab li jkun prezenti l-avukat tieghu.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs.Joseph Mohnani"** [28.4.1993] : "…l-verbali ta' Qorti ohra …… ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu *prima facie* sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."

Illi l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li *"Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati."*

Illi din il-Qorti diversament preseduta mhux l-ewwel darba li esprimiet ruha kif irid jigi tutelat dan id-dritt. Kif gie deciz fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Bernard Grech**" [23.9.1998]. (per V. De Gaetano J.) citat b'approvazzjoni

minn din il-Qorti fis-sentenza recenti taghha fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Brian Fenech"** [30.6.2004] :-
*"…..l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519 . Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddifferixxi) ghal ftit hin sakemm l-imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor , jew f' kaz li ma jirmexxilux jinkariga avukat iehor, , billi tinnonminalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici . Kieku l-Ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarijiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawza – li wara kollox hi wahda sommarja – dik il-gurnata stess, wara li naturalment , taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza . Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan , u minnflok ghaddiet minnufieh biex tippronunzja s-sentenza. B'hekk jigi li fi stadju krucjali tal-kawza , u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jixhidx jew le , hu talab ghall-assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 1998, fil-kawza fl-ismijiet* ***"<u>Il-Pulizija v. Michelina Apap</u>."*** *Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta' l-ewwel sentenza ."*

Fil-kaz odjern jidher implicitu li l-appellant kien informa l-Qorti li ried jigi assistit mill-Avukat Dr. Gatt li kull ma jmur kien qed jissejjah u ma jidhirx, tant li l-Ewwel Qorti ordnat li l-fatt li kien qed jissejjah jigi verbalizzat ripetutament.

Illi kif gja esprimiet ruha fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Brian Fenech**" fuq citata, din il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mall-Qrati tal-Magistrati li ovvjament dejjem ikunu taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u jkunu jridu bir-ragun iwettqu l-programm ta' xoghol taghhom fis-seduti taghhom w tapprezza ukoll li l-Qrati ta' sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati , xhieda jew avukati . Pero', fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ladarba kien jidher evidenti li l-appellant odjern kellu l-avukat tieghu, l-Ewwel Qorti wara li korrettement

ipposponiet il-kawza ghall-aktar tard, meta regghet issejhet il-kawza w l-avukat tal-appellant baqa' ma deherx, kien imissha jew ordnatlu li jsib avukat iehor u, jekk dan ma kienx possibbli ghall-appellant, li tappuntalu hi stess avukat iehor . Peress li dan ma sarx, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li jkollha tannulla s-sentenza appellata.

Ghalhekk l-ewwel aggravju jidher gustifikat u l-appell qed jigi milqugh w s-sentenza appellata qed tigi annullata , revokata w imhassra w, biex ma tipprivax lill-partijiet u specjalment lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami , ser tibghat l-atti mill-gdid quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawza terga' tinstema' mill-gdid skond il-ligi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------